**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 15 ta' April 2021**

**Rikors nru: 257/2017 AGV ;**

**CD sive CA sive B**
**Vs**
**DE**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, datat 23 ta' Novembru 2017, fejn esponiet bir-rispett u ppremettiet is-segwenti:-

1. Il-partijiet kontendenti l-konjugi CD inghaqdu fiz-zwieg fil-parrocca ta' San Pawl, ir-Rabat Malta fis-7 ta' Settembru 1996, in-numru ta' referenza fir-registru taz-zwiegjjiet huwa 1501/1996 tal-Kurja numru 1392/1996,

zwieg iccelebrat mir-Reverendu Anthony Zammit, u z-zwieg sar fil-knisja ta' San Duminku Rabat, Malta fid-data indikata bin-numru 1513/2011 ta' Settembru tas-sena 1996 , u dana skont kif jindika d-dokument hawn anness FZC 1.

**2.** Premess illi minn dan iz-zwieg kien hemm erbat itfal, illum ilkoll guvintur illum tnejn minnhom qabzu l-eta' ta' 18-il sena u tnejn l-ohra vicin l-eta' ta' 18-il sena u l-erba' guvintur kollha ghadhom fi stadju li jmorru istituzzjonijiet edukattivi terzjarji u dan kif huwa indikat fi stqarrija guramentata tar-rikorrenti hawn indikata bhala Dok FZC 2.

**3.** Premess li t-tifel il-kbir F twieled fis-saghtejn u nofs u hamsa ta' wara nofsinhar, il-Hamis 1 ta' Jannar, 1998, fl-Isptar St. Philips gewwa Santa Venera u dan skont ma jirrizulta mic-certifikat numru 272/2019 ta' Jannar 1998 u li allura jigi bin-numru tal-karta tal-identita' 27298M, hawn mehmuz u indikat bhala Dok FZC 3.

**4.** Premess li t-tieni wild, u cioe' G twieled fin-nof siegha u hames minuti ta' nhar it-tnejn 2 ta' Awissu 1999, fl-Isptar San Luqa, Pieta' u dan skont ma jirrizulta fid-dokument, certifikat tat-twelid 2845 u ghaldaqstant in-numru tal-karta tal-identita' ta' G huwa 284599 M, hawn indikat bhala dok. FZC4.

**5.** Premess illi t-tielet wild, H twieled fis-siegha u nofs ta' wara nofsinhar, tas-Sibt 19 ta' Awwissu, 2000 fl-Isptar San Luqa, skont kif jindika c-certifikat tat-twelid, ta' H iddahhal nhar il- 25 ta' Settembru tas-sena 2000 u ghandu numru progressiv 349400L, dan tal-ahhar in-numru tal-karta tal-identita' u hawn indikat bhala Dok. FXZC 5.

**6.** Premess illi nhar l-Erbgha 24 t' Ottubru 2001, fit-tmienja neqsin ghaxra ta' fl-ghaxija twieled ir-raba' wild fl-Isptar San Luqa, li nghata l-isem ta' I

skont certifikat tat-twelid tieghu, hawn mehmuz li ddahhal nhar is- 27 ta' Dicembru 2001 ghandu numru tal-Iskrizzjoni 4941L, skont d-dokument hawn mehmuz, FZC 6.

**7.** Premess illi r-rikorrenti attrici kienet diga' intavolat medjazzjoni fir-rigward ta' zewgha imma dan fl-inkwadatura ta' hafna weghdiet li huwa kien lest li jifforma hajtu hemm mil-lat ta' xellerazzjoni kif ukoll mil-lat ta' rispett ghal martu u l-erbat uliedu, f' din l-inkwadratura, ir-rikorrenti attrici kienet waqfet din il-medjazzjoni imma wara li rat li l-weghdiet kollha tal-intimat kienu biss strategija biex huwa baqa' jghix il-hajja ta' xellerat u ma jforniex lil martu u lil erba' uliedu li llum ghadhom studenti, ir-rikorrenti kienet kostretta li fit-30 ta' Awwissu 2017, terga' tintavola procedura gdida ta' medjazzjoni u dan wara li ukoll kienet tilfet digriet li kienet ghaddiet lil Qorti fejn hija kienet qed tircievi xi forma ta' manteniment u dan peress li kif giet ggwidata, ir-rikorrenti, din ma kienetx taf li jekk digriet tal-Qorti ma tissostanzjahix bi proceduri, skont il-ligi, allura jerga' jigi kollox fix-xejn.

**8.** Premess illi din il-medjzzjoni li kellha numru 1232/2017- GG, giet mill-ewwel maghluqa mill-Qorti, u dan permezz ta' digriet li din il-Qorti preseduta mill-Imhallef Robert G. Mangion fl-atti tal-ittra numru 1232/2017 fl-ismijiet; *A CD- vs- E D* din il-Qorti nhar is -26 ta' Settembru, 2017 ikkomunikat mal-medjatur Godwin Genovese u lil Avukati Emmy Bezzina u Anna Mallia, digriet fejn ghalqet il-medjazzjoni u awtorizzat lill-partijiet jipprocedu b' kawza fit-terminu legali, kif attwalment qed taghmel ir-rikorenti. Vide raba' taqsima ta' din il-kawza Dok. FZC 7.

**9.** Premess li effettivament din il-kawza qed tigi intavolata f' jum il-Gimgha 24 ta' Novembru 2017 propju jumejn qabel ma jiskadi t-terminu tal-awtorizazzjoni ta' din il-Qorti, skont il-ligi.

**10.** Premess illi r-rikorrenti attrici qed titlob din il-firda skont il-ligi, minhabba l-adulterju da parti tal-intimata zewgha ED, (ma' mara jisimha JK li maghha qieghed presenti jikkoabita u jirrisjedi u ma' diversi nisa ohrajn) u anka habba l-fatt ta' eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi tal-intimat konvenut zewgha DE kontra r-rikorrenti martu, kif ukoll kontra t-tfal tal-partijiet, u anka minhabba l-hajja flimkien bhala mizzewwgin (u dan minkejja diversi tentattivi ghall-possibilita ta' rikonciljazzjoni da parti tar-rikorrenti) m'ghadhiex possibbli ghax iz-zwieg illum tkisser irrimedjabilment.

**11.** Premess li l-kontendenti konjugi ilhom mizzewgin ghal aktar minn 21 sena u kif intqal fi premessi precedenti ghandhom erbat itfal, ilkoll subien, illum ilkoll guvintur, imma li ghadhom jattendu istituzzjoni ta' edukazzjoni terzjajra.

**12.** Illi r-rikorrenti taghmel referenza ghal stqarrija guramentata taghha u fejn fil-qasir, imma b' dettall meqjus gharfet lil din il-Qorti li issa hija determinata li tmexxi bil-forza legali anka biex tipprotegi l-interessi taghha fil-komunjoni tal-akkwisti u anka thares lejn l-interessi tal-erba' guvintur uliedha ta' 19, 18, 17 u 16-il sena, li ilhom zmien twil li ntebhu li missierhom ma jimpurtahx minnhom, qatt ma ta kaz ghal ben essere taghhom jew agixxa bonus pater familias.

**13.** Premess illi din il-kawza kif intavolata hija effettivament id-diversi talbiet tar-rikorrenti attrici biex hija tinfired legalment u b' rizerva ta' diversi dokumenti li jigu ukoll prezentati personalment u anka sa fejn applikabbli fl-interess ta' minorenni imma l-erbgha li huma ghadhom studenti f' istuzzjonijiet ta' edukazzjoni terzjarja.

**14.** Premess illi ghal dawn ir-ragunijiet u anka biex mill-intavolar tal-kawza ma jkunx hemm voluminzita' ta' materjal bil-miktub, ir-rikorrenti attrici qed tenfasizza li hija ghandha diversi dokumentazzjoni x' tesebixxi anka fl-inkwadratura li hija diga' ghandha in vigore mandat ta' sekwestru u anka ta' Inibizzjoni.

**15.** Premess li ghaldaqstant, issir referenza ghal mandat ta' Sekwestru numru 224/2017 akkordat minn Imhallef Anthony Ellul, u dan fl-ismijiet; **A CD vs ED** li gie formalment akkordat fl-ammont ta' tmien mitt elf Ewro, imghaxijiet u spejjez naturalment rizervati liema mandat gie akkordat f' zewg fazijiet u dan biex jindika li din il-Qorti, kemm din il-Qorti stess fliet bir-reqqa il-pretensjonijiet tar-rikorrenti fir-rigward ta' sehemha fl-ammont ta' 800,000 Ewro u dan abbazi ta' digriet illi ukoll inghata f' zewg perjodi, l-ahhar digriet moghti fl- 14 ta' Settembru 2017, li kopja legali tieghu qed tigi hawn mehmuza u ndikata bhala Dok FZC. 8.

**16.** Premess illi din il-procedura odjerna hija mibnija fuq it-tieni medjazzjoni intavolata mill-istess rikorrenti attrici u sabiex jipprova jahli izjed zmien l-intimat pprezenta huwa stess medjazzjoni tramite' Dr Anna Mallia fil- 25 ta' Ottubru, 2017 fejn pero' r-rikorrenti attrici kellha diga' l-awtorizazzjoni biex tipprezenta din il-kawza u effettivament hekk qed taghmel fl-ahhar mument possibbli tal-perjodu li fiha setghet tipprezenta l-kawza bit-tama li zewgha jaghmel proposti konkreti u gusti, imma la saru proposti u lanqas gusti, hawn issir referenza ghal medjazzjoni 1568/2017 li ghamlet referenza ghal medjazzjoni 1232/2017 kollha quddiem il-Medjatur Godwin Genovese, u li naturalment appena r-rikorrenti tigi notifikata bl-ewwel appuntament ta' din il-medjazzjoni, hija sejra tintavola nota li konsiderando li issa ser tkun lahqet ipprezentat din il-kawza, jekk hemm xi

affarijiet jew pendenza jew cirkostanzi, li jridu jigu sorvolati, u decizi, dan ghandu jsir fil-mori tal-kawza odjerna.

**17.** Premess illi r-rikorrenti attrici kienet pprezentat rikors b' referenza fit- 22 ta' April, 2016 fil-mori tal-ewwel medjazzjoni u fejn din il-Qorti kienet akkordat lir-rikorremti attrici manteniment ghall-istess attrici mhix qed tircievi peress li skada t-terminu li fih kellha tigi prezentata l-kawza, dan ir-rikorrenti ma ghamlitx ghax hekk tenniet li qalulha u effettivament issa hija ser terga' tiehu l-opportunita' biex titob lil Qorti, manteniment ghaliha nnifisha, anka ghal-erba' guvintur sakemm dawn jibqghu taht l-eta' ta' 23 sena u ghandhom status ta' studenti. Illi r-rikorrenti attrici effettivament tahdem part- time, ghax ma tistax taghmel mod iehor minhabba li trid tiehu hsieb id-dar ukoll l-ezigenzi dejjem jizdiedu u dejjem aktar aggressivi tal-erba' guvintur, uliedha.

**18.** Premess illi ssir refereza ghal mandat ta' inibizzjoni numru 233/2017 li gie akkordat definittivament tramite' sentenza tal-Qorti, mill-Imhallef Jacqueline Padovani Grima, dan permess ta' digriet ta' tmien faccati li nghata kameralment fis- 6 ta' Ottubru 2017- vide Dok. FZC 9.

**19.** Premess illi qed jigi mehmuz dokument li kien gie intavolat l-Erbgha 30 ta' Awwissu 2017, medjazzjoni gdida b' numru 1232/2017- GG u fejn din il-Qorti minkejja li tali medjazzjoni kienet giet appuntata ddecidiet li effettivament din il-medjazzjoni, ukoll it-tieni wahda, tinghalaq u prova ta' dan hawn id-decizjoni tal-Imhallef Robert G Mangion li fis-26 ta' Settembru, 2017 fost affarijiet ohra, awtorizza lill-partijiet imexxu b' kawza fit-terminu legali kif effettivament qed isir fl-24 ta' Novembru, 2017.

**20.** Premess li f' dan l- ahhar tliet snin specjalment saru diversi tenttativi mir-rikorrent u l-erba' uliedha biex il-familja terga' tinghaqad u terga' tibni

pedament aktar b' sahhtu ghal zwieg olistiku, imma l-intimat baqa' jkollu relazzjonijiet ma' diversi nisa, u llum huwa qed jikkoabita x-Xemxija Hill, fejn qieghed f' appartament ma' mara ohra JK u ghaldaqstant, r-rikorrenti issa determinata li hija tibda' hajja gdida ghaliha pero' ser tinsisti bil-qawwa kollha li s-sehem taghha tiehdu kollu anka in konsiderazzjoni li l-kagun tat-tifrik ta' dan iz-zwieg kien unikament attribwibbli lill-intimat bil-hajja xellerata tieghu u anka fl-istess hin b' aljenazzjoni kompleta mid-doveri tieghu lejn martu u lejn uliedu b' mod illi ma baqax sena li fir-rabta konjugali issa tissejjah aktar zwieg; dan kollu jigi ppruvat fil-mori tal-kawza u din hija r-raguni ghala probabbli din il-Qorti ddeciedet li t-tieni medjazzjoni taghlaq mill-ewwel anka jekk biex jisfida lil-Qorti, u li martu u lil uliedu, l-intimat fetah it-tielet medjazzjoni li pero' meta din tigi appuntata, il-kawza ser tkun intavolata u dan anka biex tindika li r-rikorrenti tixtieq illi dawn il-proceduri ma jdumux snin billi issa hija trid tnaqqax u tibda' hajja gdida ta' mara indipendenti.

**21.** Premess dan kollu, u materjal, dokumentazzjoni, stqarrijaijiet u provi dokumentati ohrajn sejrin jigu debitament intavolati fil-mori tal-kawza, ighid l-intimat DE ghala din il-Qorti ma ghandhiex tidderiegi, tiddikjara u tordna li:-

**<u>TALBIET</u>**

1. Din il-Qorti ghandha tiddikjara l-firda legali tal-konjugi CD u dan abbazi tal-Artikoli 38 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' minhabba adulterju, tal-intimat ED.
2. Dan iz-zwieg ta' bejn il-partijiet anka b' referenza ghall-elenku tad-dokumenti ghandu jigi ddikjarat li tkisser irrimedjabilment minghajr ebda tama ta' rikonciljazzjoni anke abbazi tal-Artikoli 40 u 41 tal-Kap

16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fir-rigward tar-rikorrenti attrici u anka tal-erbat ulied, nonostante li tnejn minn dawn fil-mument li qed tigi intavolata din il-kawza, diga' ghalqu 18-il sena , imma l- erbgha li huma ghadhom studenti.

3. Illi din il-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-artikoli 44 u 45 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tiehu in konsiderazzjoni l-Artikolu 46 peress ili ghal dan l-ahhar snin l-intimat abbanduna d-dar qieghed jghix ghar-rasu propja jaghmel li jrid u prezentament ghandu residenza x-Xemxija, fejn qed jghix ma' JK, u kwindi l-Qorti hija mitluba li tenforza l-effetti tal-Artikolu 46 billi tiddikjara li r-rikorrent flimkien mal-erba' guvintur uliedha ghandu jkollha l-esklussivita' ta' residenza fid-dar abbazi tal-indirizz residenzjali tar-rikorrenti attrici hawn indikat.

4. Ghandu jkun applikat l-effetti tal-artikolu 46A tal-Kap 16 tal-Kodici Civili fejn ir-rikorrenti ghandha tinghata minghand il-konvenut somma ghall-manteniment skont il-bzonnijiet taghha skont il-mezzi tal-intimat u dan meta jitqiesu ukoll ic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-partijiet.

5. L-istess manteniment u ordnijiet relevanti ohra ghandhom jinghataw fir-rigward tal-erba' ulied guvintur tal-partijiet konsiderando li purche' tnejn minnhom diga ghalqu t- 18-il sena, biss erbgha li huma ghadhom taht l-eta ta' 23 sena u jattendu istituzzjonijiet ta' edukazzjoni terzjarja.

6. Ghandu jkun f'dawn ic-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz, li jigi applikat l-Artikolu 47 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens li l-erba' guvintur illum huma kbar bizzejjed li jiehdu hsieb taghhom infushom u jiehdu decizjonijiet dwarhom infshom, biss l-intimat konvenut ghandu skont il-ligi u skont l-obbligazzjonijiet tieghu jiehu hsieb ghall-htigijiet bazici u mehtiega tal-erba' uliedu.

7. Ghandhom jigu applikati s-sub artikolu u sub incizi tal-Artiklu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan minhabba l-fatt li l-konvenut huwa hati ta' din il-firda bejn il-partijiet u b' referenza ghall-Artikoli 38 u 41 tal-Kodici Civili ikunu applikabbli u sa fejn applikabbli s-sub incizi tal-artikolu (1) u cioe' (a), (b), (c) u (d) kif ukoll l-applikazzjoni tas-sub artikolu (2) tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Ghandu jkun applikat l-Artikolu 51, 52 u 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta biex id-drittijiet kollha tar-rikorrenti u sa fejn applikabbli tal-erba' guvintur ikunu inforzabbli u d-dinjita' tar-rikorrenti u l-erba' ulied sa fejn applikabbli fic-cirkostanzi ikunu rispettati u implimentati.

9. Ghandu jkun applikat l-Artikoli 5 sub artikoli (1), (2), (3) tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta, partikolarment dwar l-obbligu tal-manteniment, l-ammont ta' mantenimenti dovut lil ulied u dan fl-inkwadratura ta' Artikolu 54, sub artikoli (2) sub inciz (a) sa (g) u anka sub artiklu (3) sa sub artikolu (9) tal-Artikolu 54 tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta ghal dak li ghandu x' jaqsam mal-manteniment kif imfisser f' dan l-Artikolu 54 tal-Kodici Civili, id-diversi sub artikoli tieghu, minn sub artikolu 11 sa sub artikolu 9 u diversi sub incizi tas-sub artiklu 2.

10. M' ghandu jkun hemm ebda applikabilita' tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sakemm ikun bl-aktar mod assolut, kategoriku, u definitiv, illi d-drittijjiet tar-rikorrenti, u dawn tal-erba' ulied, bl- ebda mod ma jkunux mittiefsa permezz ta' xi strategija da parti tal-intimat u dan biex jigi mhares il-principju li l-gustizzja tabilhaqq tidher li qed ssir, u dan fir-rigward tal-kuncett ta' meta tieqaf il-komunjoni tal-akkwisti u li l-komunjoni l-ohra taht amministrazzjoni separata jekk ikun il-kaz b' referenza ghal-Artikolu 55 sub artiklu (1) sa (8) tal-Kap. 16.

11. Ghandu jkun applikat favur ir-rikorrenti u jekk ikun il-kaz fic-cirkostanzi ukoll favur l-ulied, l-artikolu 55 A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fir-rigward tad-dar li tigi indikata bhala matrimonjali konsiderando ukoll il-fatt li l-intimat ilu li abbanduna l-istess dar taz-zwieg ghal numru ta' snin u dan kif jirrizulta fil- mori tal-kawza anka abbazi tal-artiklu 41 tal-istess Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta.

12. L-applikazzjoni tal-artikoli 55 A ghandha tkopri l-aspetti kollha tieghu u cioe t-tliet sub artikli u diversi sub incizi taht is-sub artikoli tal-istess artikoli dan biex fid-deskrizzjoni tal-Qorti jigu protetti l-interessi u drittijiet kollha tar-rikorrenti attrici u jekk ikun il-kaz, tal-ulied jew min minnhom.

13. Din il-Qorti ghandha tahtar jekk ikun il-kaz, dawk l-esperti li jidhirlha xieraq u opportuni, biex jekk fl-eventwalita' li l-propjeta' immobbli, u anka dik mobilja u mobbli sabiex ikun hemm apprezzament il-valutazzjoni xierqa u gusta tal-valur attwali tal-istess propjetajiet u minn dawn x' ghandu jigi assenjat jekk mhux *in toto* lir-rikorrenti konsiderando li wiehed mill-fatti u ragunijiet ghala qed ssir din il-kawza hija propju tal-adulterju, abbandun, u nuqqas ta' osservazzjoni ta' imgieba matrimonjali da parti tal-konvenut DE

14. Konsiderando li fil-mument illi qed tigi ntavolata din il-kawza u propju wahda mir-ragunijiet li qed tigi intavolata din il-kawza hija li llum l-erba' ulied huma kbar bizzejjed biex jiehdu hsieb taghhom infushom, din il-Qorti hija mitluba taht id-diskrezzjoni taghha fir-rigward tal-applikazzjoni tal-artikli 56, 56 A , u 57 u dan bis-sub artikoli kollha effettwati tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, biex fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk l-ulied ikollhom htiega ta' protezzjoni jew

harsien skont il-ligi, il-Qorti tipprovdi ghal dan kollu, konsiderando li fil-mument li qed tigi ntavolata din il-kawza, l-erba' ulied ghadhom qed jattendu istituzzjonijiet edukattivi u ghadhom taht l-eta' tat- 23 sena.

15. Din il-Qorti ghandha tapplika jekk ikun il-kaz, l-Artikolu 59 bis-sub artikoli tieghu kif ukoll l-Artikli 60 bis-sub artikoli tieghu u 61 fid-diskrezzjoni taghha tal-Kap. 16 Kodici Civili, Ligijiet ta' Malta.

16. Ir-rikorrenti attrici tixtieq li jkun applikat favur taghha l-Artikolu 62 tal-Kodici Civili relatat mal-kunjom il-konjugi wara s-separazzjoni fejn ir-rikorrenti attrici tixtieq li jkun applikat fil-konfront taghha l-Artikolu 62 subartikolu (1) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u li hi tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe' C u dan kif hemm imfisser fl-istess Artikolu 62 tal-Kodici Civili.

17. Ghandhom ikunu applikabbli sa fejn applikabbli s-sub artikoli (4) u /jew (5) tal-istess Artikolu 62 tal-Kapitolu 16 (Kodici Civili).

18. Ghandu jkun applikat sa fejn applikabbli l-Artikolu 62 A tal-Kodici Civili u artikoli ohra li jistghu jkunu relevanti fit-Taqsima tal-Kodici Civili relatata mas-sub Titolu III, Fuq il-Firda Personali.

19. L-ispejjes kollha relatati ma' din il-kawza u proceduri direttament u/jew indirettament abbinati maghha bhal dawk tal-mandati ta' sekwestru u ta' inibizzjoni jigu kollha sopportati mill-intimat konvenut DE considerando li kien hu responsabbli ghat-tifrik irrimedjabilment ta' dan iz-zwieg minghajr ebda tama ta' rikonciljazzjoni, liema spejjes ghandhom jinkludu ukoll id-drittijiet u kemm fil-fazi gudizzjarja kif ukoll fl-extra gudizzjarja.

**20.** Din il-Qorti ghandha taghti fl-inkwadratura tat-talbiet kif hawn indikati, dawk id-direttivi, ordnijiet u provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportun sabiex ir-rikorrenti attrici u l-erba' ulied guvitnur sa fejn ikun applikabbli dak kollu li jkun mehtieg ghall-protezzjoni tal-istess rikorrenti attrici u jekk ikun il-kaz tal-erba' guvintur subien ulied il-kontendenti u fi kwalsiasi materja ohra din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rat li l-konvenut kien gie dikjarat kontumaci permezz ta' sentenza in parte datata 10 ta' Lulju, 2018.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**IKKUNSIDRAT;**

**<u>FATTI</u>**

1. **L-attrici** tghid li ltaqghu tramite habib tal-konvenut, li wara xahar staqsiha biex jizzewwgu. L-attrici riedet tistenna sena. Dak iz-zmien hi kienet tahdem bhala beauty therapist u kienet self-employed u l-konvenut kien jahdem bhala manager mal-bank. Kienu zzewwgu fis-7 ta' Settembru, 1996.

   Minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom erbat itfal. Il-problemi bdew madwar tmien snin wara z-zwieg u dan kien l-iktar minhabba li l-

konvenut kien qed jiehu hafna loans sabiex jinvesti fil-proprjeta' u dan a pregudizzju tal-familja. Biex ilahhaq mal-hlasijiet tal-loans, ma kienx qed ilahhaq ihallas l-ispejjes tal-utilitajiet. Kien ukoll beda jghaddilha anqas manteniment biex tixtri l-affarijiet bazici ghat-tfal. Ma kienx ikun id-dar maghha u kien ihalliha wahedha bit-tfal. Meta kienet tqila bit-tieni tarbija, il-konvenut baqa' ghaddej bl-istess ritmu u kien ghalhekk li kienet telqet u marret toqghod fid-dar taghha ta' San Gwann. F'dak iz-zmien sahhitha kienet marret lura u kienu zammewha l-isptar ta' seba' xhur tqala ghax kienet rat id-demm. Imbaghad il-konvenut kien mar ighix maghha San Gwann u ftit wara marru lura fid-dar taghhom.

Meta bieghet il-proprjeta' taghha f'San Gwann u ffirmaw il-kuntratt il-Bank of Valletta, il-konvenut ha cekk ta' Lm14,000 u talab lill-attrici biex issellifhomlu u sal-lum ghadu qed ihallasha €156.25 fix-xahar.

L-attrici tispjega li meta bdiet tinduna li l-konvenut kien qed jiehu dawn il-loans iddecidiet li ma tkomplix tiffirmalu biex jiehu ohrajn, kif ukoll tammetti li kien tort taghha sa certu punt ghax kienet thalli l-amministrazzjoni tal-finanzi f'idejh ghax ma kinitx tahseb li kien kapaci jkun daqshekk egoist u jinjora l-interessi ta' uliedu. Wara li marru joqoghdu H' Attard, hariglu l-permess biex jibni l-art tal-Mellieha u qabad ighaddi l-hin hemmhekk, u ma zammx ma kellmtu li jqatta' l-Hadd mal-familja. Minflok kien iwahhal fiha peress li ma kinitx tahdem. Fl-2005 imbaghad xtraw villa f' Hal Balzan biex iwaqqghuh u jibnu garaxxijiet u appartamenti bil-prezz ta' Lm200,000 u kienu hadu loan ta' Lm150,000.

Kienet tipprova tiftahhlu ghajnejh li l-agir tieghu kien wiehed irresponsabbli. Kien ikun id-dar ftit wisq u lanqas kien iqatta' hin

maghhom bhala familja. Flus mill-inqas kien itiha u ohtha L, gieli tatha xi flus biex tghinha. Spiccat li anke kellha tbiegh id-dehebijiet li kienet wirtet u anke dawk li rcevew it-tfal fil-Maghmudija, Precett u anke Grizma.

Kienet spiccat, minhabba r-responsabbilita' tal-konvenut, lanqas setghet issaqi l-pjanti ghax kien ighajjarha li qed tahli l-ilma. Jekk kienet izejjen ghall-Milied, malli kien jidhol id-dar kien jitfi d-dwal. Lanqas setghet tuza' l-van ghaliex ma kienx hallas il-licenzja u l-insurance.

Malli t-tfal bdew jikbru, l-ispejjes zdiedu u biex tlahhaq mal-ispejjes kienet iddecidiet li tohrog tahdem. Kienet anke kkonvinciet lill-konvenut sabiex ibiegh il-proprjeta' li kellhom ix-Xemxija biex forsi jiehdu r-ruh, izda minflok nefaq il-flus li dahlu fuq cabin cruiser, bla ma qatt iqis li t-tfal kellhom il-bzonnijiet taghhom u din kienet priorita'.

Maz-zmien, il-konvenut kien iqatta' anqas hin id-dar u saret taf li kellu relazzjonjiet ma' diversi nisa. L-ewwel darba kienu ndunaw it-tfal, wara li hadhom il-boat show sponsorjata mill-Bank of Valletta plc. Din kien jisimha M u kienet qabditu kemm il-darba. It-tfal qalu li kien dam il-hin kollu maghha, L-attrici tghid li kienet qabditu fuq il-mobile maghha. Kienu anke hargu maghhom bhala koppja u l-attrici tghid li din M damet tifflirtja ma' zewgha u darba minnhom kienet ikkonfrontatha.

Tistqarr ukoll li l-konvenut kellu relazzjoni ma' mara barranija u ndunat wara li sabet ir-ritratti fil-kamera u dan wara li kien qallha li kien sejjer Ghawdex ma' tax-xoghol. Meta kkonfrontatu, il-konvenut kien innega kollox.

F' Awissu, 2017 saret taf li qieghed f'relazzjoni ma' certu JK u ghadu maghha sal-gurnata ta' llum. Kienu diga' jghixu flimkien minn dak iz-zmien, ghalkemm il-konvenut jinnega dan u hareg bl-iskuza li kien qed isellifha l-appartment li kien jikri b'kera ta' €600.

Dwar uliedhom, llum huma lkoll maggorenni u kollha ghadhom qed istudjaw. L-attrici tinsisti li l-konvenut ma tantx jaghti kashom u bil-kemm jikkomunika maghhom. Kienet hi li tiehu hsieb l-ispejjes li kellhom bzonn, kif ukoll l-ispejjes tal-edukazzjoni u sahha.

L-attrici tikkonferma li tahdem part-time u generalment tahdem night shifts sabiex tiehu hsieb lit-tfal taghha u tkun hemm ghalihom peress li missierhom kien nieqes hafna minn hajjithom.

Il-konvenut jahdem bhala Executive Bank Manager u ghandu paga tajba b'hafna privileggi, flimkien mad-diversi kirijiet, izda ciononostante jzomm kollox ghalih skond l-attrici u ma jikkontribiwixxi xejn ghal uliedu.

**Dar Matrimonjali**

L-attrici, flimkien ma' uliedha joqoghdu f'maisonnette, li tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u cioe' l-fond 82, The President, Birbal Street, Balzan. Kieu telqu mid-dar matrimonjali fl-2014.[1] Ghall-bidu kienu jghixu hemm u l-konvenut kien telaq u mar ighix Hal Balzan. It-tfal riedu jitilqu peress li l-konvenut ma kienx hallas l-internet u lanqas

[1] Ara Dok. C mal-affidavit tal-attrici

id-dawl. Ghalhekk kienu ghamlu zmien telghin u nizlin ghand missierhom biex juzaw l-internet minhabba l-'homework'.

Imbaghad kienu telqu u marru jghixu Hal Balzan, u telqet mid-dar ta' H' Attard, minhabba li uliedha kienu jiggieldu hafna mal-konvenut. Il-konvenut kien spicca biex kera d-dar matrimonjali u ilu minn 2015. L-attrici tikkonferma li minn din il-kera hi u uliedha ma jibbenifikaw xejn u ghalhekk ma jistghux jidhlu fiha.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

L-attrici ssemmi diversi proprjetajiet li nbieghu fiz-zwieg u li minnhom hi ma rat l-ebda sold. Il-proprjetatjiet huma s-segwenti:-

a) Appartament fi blokka ta' Margod Court, Triq Agostino Matrenza, San Gwann, li nbiegh fl-2001 bi prezz ta' Lm28,000;

b) Dar bil-basement garaxx maghha li tinsab a 43 u 45, fi Triq Sedqa, Attard, li nbieghet fis-sena 2002, ghall-prezz ta' Lm60,000.[2]

c) Zewg porzjonijiet divizi ta' art li jinsabu fil-limiti ta' Hal Qormi, li nbieghu fl-2003, bil-prezz ta' Lm40,000 ;[3]

d) Dar antika bl-arja taghha li tinsab a 11/12 fi triq San Gwann, il-Hamrun li nbieghet fl-2004 ghall-prezz ta' Lm20,000.[4]

[2] Ara Dok. Fzc 1
[3] Ara Dok. Fzc 2
[4] Ara Dok. Fzc 3

e) Groundfloor maisonnette bil-garaxx kontigwu maghha bl-arja libera tieghu li jinsab fid-drive-in tal-istess maisonnette fi Triq Isfargel, Attard li nbiegh fis-sena 2004 bil-prezz ta' Lm43, 000.[5]

f) First floor maisonnette bl-arja libera tieghu fi Triq Isfargel, Attard li nbiegh fis-sena 2004 bil-prezz ta' Lm46, 000.[6]

g) Semi-basement (shell form) li jinsab taht ir-rampa ghat-triq li taghti ghat-triq Isfargel, Attard li nbiegh fl-2009 bil-prezz ta' €13,000.[7]

h) Maisonette bin-numru 3, f'Sunrise Court, Triq Raddet ir-Roti, f'Xemxija Heights, limiti ta' San Pawl il-Bahar, li nbiegh fl-2005, bil-prezz ta' Lm55,000 (dok. FZC 7).[8]

i) Garaxx li jinsab fi triq Raddet ir-Roti, f'Xemxija Heights, Xemxija fil-limiti ta' San Pawl il-Bahar, li nibiegh fl-2007, bil-prezz ta' Lm10,000.[9]

j) Garaxx bin-numru 3, li jinsab f'livell ta' semi basement sottopost il-blokk bini li jismu Gardenia, fi Triq l-Isfargel, f'H' Attard, li nbiegh fl-2011 bil-prezz ta' 21, 000 Euros. Skond l-attrici dan il-bejgh sar minghajr il-kunsens taghha kif jirrizulta mill-istess kuntratt. [10]

k) Zewg garaxxijiet bin-numri 1 u 2 li jinsabu f'livell semi-basement sottopost il-blokk bini li jismu Gardenia, fi Triq l-Isfargel, h'Attard li

---

[5] Ara Dol fzc 4
[6] Ara Dok. Fzc5
[7] Ara Dok. Fzc 6
[8] Ara Dok. Fzc 7
[9] Ara Dok. Fzc 8
[10] Ara Dok. Fzc 9

nbieghu fl-2016 bil-prezz ta' €52,000. Dawn ukoll inbieghu minghajr il-kunsens taghha. [11]

l) Appartament fl-ewwel livell, bl-isem Jurong, li jifforma parti minn blokka bl-isem "Seaview Buildings," 26, Xemxija Hill, Xemxija, li nbiegh fl-2012, bil-prezz ta' €65,000. Kien b'dawn il-flus li l-konvenut kien xtara cabin cruiser, meta kienu finanzjarjament batuti.[12]

m) Zewg garaxxijiet li nbieghu fuq il-pjanta li jinsabu fil-basement sottopost il-blokk bini bl-isem The President, fi Triq Birbal, Balzan nbieghu fl-2015 ghall-prezz ta' €7,300.[13]

n) Penthouse, li tifforma parti mill-blokka bini f'The President, fi Triq Birbal, Balzan li nbieghet fl-2015 ghall-prezz ta' €185,000.[14]

o) Appartament li jifforma parti mill-blokka bini f'The President, fi Triq Birbal, Balzan li nbieghet fl-2014 ghall-prezz ta' €124,000.[15]

p) Garaxx li jinsab fil-basement tal-istess blokka bini f'The President, fi Triq Birbal, Balzan li nbieghet fl-2014 ghall-prezz ta' €21,000.[16]

q) Semi basement maisonette (shell form) u garaxx li ukoll jifforma parti mill-blokka f'The President, fi Triq Birbal, Balzan li nbieghet fl-2017 ghall-prezz ta' €145,000.[17]

---

[11] Ara Dok. Fzc 10
[12] Ara Dok. Fzc 11
[13] Ara Dok. Fzc 12
[14] Ara Dok. Fzc 13
[15] Ara Dok. Fzc 14
[16] Ara Dok. Fzc 15
[17] Ara Dok. Fzc 16

Iktar proprjetajiet li kien jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti kienu s-segwenti:-

i) Ghalqa li tinsab fil-limiti tar-Rabat u l-Imdina li nbiegh fis-7 ta' Novembru, 2003[18] u l-valur taghha ghad irid jigi stmat minn perit nominat minn din il-Qorti.

ii) Cabin cruiser 38 tat-tip Fairline Targa li ghandha valur ta' €50,000 u presentement qed tinzamm gewwa boat yard fil-Gharghur.[19]

iii) Penthouse u appartament li presentement qed jinkrew, flimkien mal-maisonnette, fejn qed tghix l-attrici, flimkien ma' uliedha, kif ukoll zewg garaxxijiet li jinsabu fil-basement tal-blokka f'The President, Triq Birbal, Balzan u l-valur ghad irid jinhadem minn Perit. [20]

**ASSI PARAFERNALI**

a. Art gewwa Sta. Maria Estate, Mellieha, li kienet inxtrat mill-konvenut f' Marzu, 1991 u bdiet tigi zvillupata sitt snin wara z-zwieg, izda kienet ghadha qed tigi zviluppata. Ghad trid issir stima ta' din l-art, li skond l-attrici tiswa iktar minn 1.5 miljun Euros.[21]

b. Dar matrimonjali Gardenia, Triq Isfargel, Attard, kienet inbniet fuq art li kien xtara l-konvenut fl-1994 u kienet bdiet tinbena sitt xhur wara z-zwieg.

[18] Ara Dok. E
[19] Ara Dok. F
[20] Ara Dok. B
[21] Ara Dok. G

Illum l-attrici tikkonferma li dina d-dar tinkera u ma tircevix sehemha minnha. Ghadha ukoll ma saritx stima mill-perit fuq l-istess fond.[22]

Fil-kawza xehdu wkoll xhieda ohra.

2. **GD,** bin il-partijiet jitkellem dwar it-tfulija xejn sabiha tieghu. Missieru l-konvenut qatt ma kien hemm ghalih u ghal hutu. Kienet l-attrici li kienet tiddedika l-hin taghha ghalihom u tghinhom fil-homeworks.

   Ighid li malli missieru kien jasal id-dar kienu dejjem jispiccaw bil-glied peress li l-konvenut kien ihalli lill-familja nieqsa mill-flus u l-attrici kienet tkun imdejjqa hafna u dawn id-dwejjaq zdiedu meta saret taf li kellu relazzjonijiet ma’ nisa ohra.

   Ighid li l-attrici kienet dejjem tassigura li ma jonqoshom xejn, mentri missierhom lanqas biss kien icemplilhom.

3. **HD** bin il-partijiet, jikkonferma li l-konvenut ma kienx jaghti kasu u ta’ hutu. Kien iktar mohhu fil-bini, il-flus u n-nisa. Lanqas kien imur jarahom jekk kien imur jigbor il-kera. Isemmi d-darba li kien mar ma’ missieru l-boat show organizzat mill-Bank of Valletta u hemm ra li l-konvenut kien iltaqa’ ma’ mara M, li qal li kienet kollega tieghu. Ighid li dakinhar qalu lill-attrici li l-konvenut kellu tfajla ghax tul iz-zmien li damu hemm ma hallijix sekonda.

4. **FD** bin il-partijiet isemmi li fit-tfulija ma kien jonqsu xejn ghax kienu jghixu komdu, Ighid ukoll li fiz-zmien li kien ser jispicca l-primarja, missieru rari kien ikun id-dar u dan kien iqanqal hafna glied bejn il-genituri tieghu. Il-problemi bdew jaggravaw meta l-konvenut xtara

[22] Ara Dok. C

proprjeta' f'Hal Balzan biex iwaqqaghha u jizviluppaha. Spiccaw li minhabba li l-konvenut webbes rasu u xtraha ma kienx baqa' jghaddi bizzejjed flus lill-attrici ghall-bzonnijiet tat-tfal. Mill-paga kien ihallas il-loans u milli kien jifdal kien jonfoqhom fuqu nniffsu.

Ighid li l-attrici kienet harget tahdem sabiex tlahhaq mal-ispejjes u kienet insistiet mal-konvenut li kien jehtieg li jbieghu proprjeta' u kienu bieghu appartament li kellhom ix-Xemxija, izda bil-flus kien mar u xtara cabin cruiser.

Ighid li l-inkwiet zdied meta l-attrici saret taf li l-konvenut kellu diversi relazzjonijiet ma' nisa ohra. Kien mar Ghawdex ma' mara, meta kien qalilhom li kien sejjer ma' hbiebu u ghalkemm ix-xhud kien ried jitla' mieghu ma ridux. Kienet l-attrici li kkonfermat dan ghax kienet sabet ir-ritratti.

Meta l-konvenut kien qed jibni l-flats ta' Hal Balzan kien telaq mid-dar u meta tlesta l-bini ta' dan il-blokk kien baqa' jghix ghar-rasu u meta l-attrici ndunat li ma riedx ibiddel fehmtu, kienet qabdet u tkellmet ma' avukat u bil-manteniment li beda jghaddilhom il-konvenut u l-paga tal-attrici, kien jirnexxielhom ighaddu.

5. **ID** bin il-partijiet ighid li minn tfulitu ma jiftakarx li missieru kien prezenti f'hajtu u lanqas jiftakar li qatt kellhom konversazzjoni. Qatt ma jiftakar li attenda ghal Parents Day. Ighid li lanqas fil-weekend ma kien iqatta' hin maghhom u l-ftit li kien ikun id-dar ma kienx jiehu gost bih ghax kien jibda jiggieled mal-attrici, li kienet tibki ta' spiss.

6. **L-Ispettur Christina Delia** pprezentat diversi rapporti.[23]

7. **Mario Pavia,** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ipprezenta diversi kontijiet bankarji.[24]

8. **Anthony Scicluna** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ipprezenta dokumenti bankarji dwar l-introjtu tal-konvenut.[25]

9. **Ryan Spiteri,** rapprezentant ta' Transport Malta pprezenta dokumenti li jikkonfermaw li l-konvenut kien sid ta' diversi ingenji tal-bahar.[26]

10. **Stephen Cachia,** in rapprezentanza ta' Transport Malta esebixxa dokumenti rigwardanti vetturi li kienu jew li jappartjenu lill-partijiet.[27]

11. **Il-Perit David Vassallo** pprezenta valuazzjoni li hejja fuq il-proprjeta' konsistenti f'garaxxijiet, maisonnette (Starlight), Apartment 2 u Penthouse f'The President B, Triq Birbal, Balzan. [28]

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

**<u>RESPONSABBILITA'</u>**

**<u>ADULTERJU</u>**

---

[23] Ara Dok.SCD 1 – SCD 5
[24] Ara Dok. MP 1
[25] Ara Dok,. SA 1
[26] Ara Dok. RS 1 – RS 4
[27] Ara Dok. SC1 – SC 4
[28] Ara Dok. DV1 – DV 4

Illi l-attrici thoss li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-firda taghhom u dan peress li rrenda ruhu hati ta' adulterju. Iz-zwieg igib mieghu, minn fost obbligi ohra, dik tal-fedelta', obbligu li jibqa' ezistenti anke jekk koppja tasal biex tissepara. Ghalhekk huwa bla dubju l-aktar kawza gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza separazzjoni.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti kif presjeduta rriteniet li:-

*"… l-**artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet **"Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe".** (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika".* (**"Rosina Micallef vs Angelo Micallef"** *Prim'Awla Deciza -27 ta' Gunju 1964)".*

F'dina l-kawza, l-attrici semmiet li kien hemm diversi drabi li qabdet lill-konvenut ma' nisa ohra. L-ewwel darba li ndunat l-attrici kienet meta wara li uliedha u l-konvenut marru boat show semmew li missierhom qatta' l-hin kollu ma' certu M li suppost kienet kollega tieghu. Dan gie kkonfermat minn ulied il-partijiet. L-attrici tikkonferma ukoll li kienu hargu maghhom

bhala koppja u kienet qed tittanta l-konvenut, tant li l-gharus taghha kien imbarazzat. Kienet qabditha kemm il-darba tikkomunika mal-konvenut bil-messaggi jew telefonati u kienet wissietha biex thallih bil-kwiet.

L-attrici resqet provi ukoll li l-konvenut kien gidbilha u kien mar Ghawdex ma' mara ohra u mhux mal-kollegi tax-xoghol u dawn wara li sabet diversi ritratti taghhom flimkien fil-kamra tal-konvenut. Illum ukoll l-konvenut qieghed f'relazzjoni extra-konjugali ma' JK u anke jirrisjedi maghha.

Ir-rizultanzi processwali kollha jwasslu ghall-indizi u prezunzjonijiet gravi, konkordanti u precizi li jikkonvincu lil dina l-Qorti li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' adulterju.

**<u>ABBANDUN</u>**

Illi hawn issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr Joseph Xuereb noe"** (P.A. 22 ta' Frar 1961) fejn din il-Qorti diversament presjeduta sostniet illi:-

***"Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn, u jekk l-abbandun fil-fatt ma jikkostitwix l-abbandun li trid il-ligi bhala motiv ta' separazzjoni, lanqas ma jista' jigi inkwadrat fil-figura ingurja gravi, ghax b'dan il-mod ikun qieghed jitqies bhala motiv ta' separazzjoni minghajr ir-rekwizit zmien li l-ligi tirrikjedi ghall-abbandun."***

Fil-kawża **Andrea Avellino vs. Regina Avellino,** insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: **"*Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se mai jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-***

***apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċioe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva.***"

Mill-assjem tal-provi, l-konvenut kien iqatta' hafna hin barra mid-dar, izda meta kien qed jinbena l-bini ta' Hal Balzan, l-konvenut kien sab skuza biex imur ighix hemm u minn dak iz-zmien qatt ma kien mar lura d-dar. Ma kienitx tezisti raguni valida u gusta ghalfejn telaq mid-dar. L-attrici ppruvat tikkonvincih sabiex jirrangaw l-affarijiet bejniethom, izda l-konvenut ma riedx jirritorna lura u mir-rizultanzi tal-provi jirrizulta li l-konvenut kellu intenzjoni zgura, ferma u pozittiva li ma jirritornax lura d-dar u llum certament ghaddew iktar minn sentejn minn dak iz-zmien.

Ghaldaqstant, jirrizulta li l-attrici ppruvat fuq bazi ta' probabilita' li z-zwieg tfarrak peress li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' abbandun.

## <u>ECCESSI, SEVIZZI, SWAT U INGURJI GRAVI</u>

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun

sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

L-attrici, kif ukoll uliedha jikkorroboraw il-verzjoni attrici, li l-konvenut qatt ma kien hemm ghalihom. Kien mohhu biex jinvesti fil-bini u kostruzzjoni. Kien jiddejjen minhabba l-loans li kien jiehu u dan a pregudizzju tal-familja tieghu. L-attrici ma kienx ikollha bizzejjed flus biex tkampa u tghajjex lill-familja. Minhabba li l-konvenut kien jaqa' lura fil-pagamenti tal-internet u anke tad-dawl u ilma, kienu jispiccaw minghajr internet u dawl.

L-attrici kemm il-darba ppruvat tigbidlu l-attenzjoni li jkun ahjar jekk joqoghodu attenti, minhabba l-qaghda finanzjarja taghhom, izda l-konvenut kien baqa' ghaddej jixtri l-proprjeta', jiehu loans u jbiegh il-proprjeta' u dan kien iktar facli ghalih li jiehu l-facilitajiet ta' loans la darba kien jokkupa managerial post mal-Bank of Valletta plc.

Kien biss meta l-attrici marret tahdem part-time li rnexxielha tixtri kompjuter ghat-tfal u l-bzonnijiet li kellhom bzonn. Il-konvenut qatt ma kien hemm ghall-uliedu, qatt ma attenda parents day jew xi attivita' fejn kien jikkoncerna lilhom. Anzi pjuttost ulied il-partijiet jammettu li kienu

iktar kuntenti minghajr il-konvenut ighix maghhom, ghax kull darba li kien jidhol id-dar kien jibda jiggieled mal-attrici. Uliedhom stess jiddubitaw jekk verament il-konvenut kellux imhabba lejn l-attrici, li kienet tispicca tibki kemm il-darba.

Dawn l-episodji jwasslu lil dina l-Qorti ghal decizjoni wahda li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' sevizzi u eccessi fil-konfront tal-attrici.

**MANTENIMENT**

Illi l-partijiet kellhom erbat itfal F, G, H u I. Illum l-erbgha li huma saru maggorenni. Madanakollu, l-attrici pproduciet provi li uliedhom lkoll qed jistudjaw u qedghin jattendu korsijiet l-Universita'.

Il-ligi tirrikjedi li jekk l-ulied ma jkunux qed jahdmu fuq bazi full-time, izda jkunu ghadhom qed jistudjaw, anke fuq livell terzjarju, f'dak il-kaz, l-obbligu ta' manteniment jibqa' jghodd sakemm dawk it-tfal jaghlqu 23 sena.

Il-konvenut ipprovda mill-inqas ghall-uliedu u kienet dejjem l-attrici li rat kif ghamlet biex tghin lil uliedha, anke meta bdew jistudjaw.

Gew prodotti provi rigward l-introjtu tal-konvenut li jokkupa kariga ta' Senior Investment Consultant fil-Bank of Valletta plc. fejn sas-sena 2019 kellu paga ta' €55,618.16, apparti mid-diversi kirijiet li jircievi mill-proprjetajiet li ghandu li jakkumulaw ghal cirka €6,000 fis-sena.

Ghalhekk l-introjtu tal-konvenut huwa sostanzjali u hemm fondi bizzejjed sabiex imantni lil uliedu.

Ghaldaqstant, il-konvenut ghandu jkun obbligat li jhallas is-somma ta' €200 ghal kull wild li ghadu qed jistudja. Jonathan illum ghalaq 23 sena u ghalhekk l-ammont ta' €200 ghandu jithallas ghat-tlett itfal l-ohra

rispettivament ( kull wiehed) u cioe’ G, H u I, u dawn bil-presuppost li ghadhom qed istudjaw fuq bazi full-time.

L-attrici tahdem part-time mal-Hilltop u ghandha paga ta’ cirka €13, 000 fis-sena u tenut kont ukoll tal-fatt li llum it-tfal kibru u huma indipendenti tista’ anke tghaddi biex tahdem fuq bazi full-time. F’dawn ic-cirkostanzi ma tistax tippretendi li tircievi manteniment minghand il-konvenut.

## KOMUNJONI TAL-AKKWISTI

Il-qofol ta’ dina l-kawza kienet tikkoncentra fuq l-ossessjoni tal-konvenut li jixtri u jbiegh il-proprjeta’. Fil-fatt, l-attrici elenkat ammont sostanzjali ta’ proprjetajiet li gew akkwistati waqt iz-zwieg. Uhud kienet konsapevoli taghhom, ohrajn skopriet wara. L-attrici tinsisti li dawn il-proprjetajiet inbieghu, uhud minghajr il-kunsens taghha u spiccat li lanqas rat sold minn dan il-bejgh. Il-konvenut, li huwa kontumaci, naqas li jirribatti dawn l-allegazzjoniijiet. In sostenn tal-pretenzjoni taghha, l-attrici pprezentat id-diversi kuntratti ta’ bejgh bhala provi li dawn il-proprjetatjiet kienu jappartjenu l-komunjoni.

In kwantu jirrigwarda n-nuqqas ta’ provi mill-konvenut, dina l-Qorti thoss li hemm bizzejjed provi sabiex tikkunsidra dawn il-proprjetajiet bhala appartenenti l-komunjoni u li l-attrici hija ntitolata ghal sehemha mill-valur ta’ bejgh tal-istess proprjetajiet. Il-proprjetajiet huma s-segwenti u dina l-Qorti ser telenkahom hawn taht:-

i) Appartament fi blokka ta’ Margod Court, Triq Agostino Matrenza, San Gwann, li nbiegh fl-2001 bi prezz ta’ Lm28,000;

ii) Dar bil-basement garaxx maghha li tinsab a 43 u 45, fi Triq Sedqa, Attard, li nbieghet fis-sena 2002, ghall-prezz ta’ Lm60,000.[29]

iii) Zewg porzjonijiet divizi ta’ art li jinsabu fil-limiti ta’ Hal Qormi, li nbieghu fl-2003, bil-prezz ta’ Lm40,000 ;[30]

iv) Dar antika bl-arja taghha li tinsab a 11/12 fi triq San Gwann, il-Hamrun li nbieghet fl-2004 ghall-prezz ta’ Lm20,000.[31]

v) Groundfloor maisonnette bil-garaxx kontinwu maghha bl-arja libera tieghu li jinsab fid-drive-in tal-istess maisonnette fi Triq Isfargel, Attard li nbiegh fis-sena 2004 bil-prezz ta’ Lm43, 000.[32]

vi) First floor maisonnette bl-arja libera tieghu fi Triq Isfargel, Attard li nbiegh fis-sena 2004 bil-prezz ta’ Lm46,000.[33]

vii) Semi-basement (shell form) li jinsab taht ir-rampa ghat-triq li taghti ghat-triq Isfargel, Attard li nbiegh fl-2009 bil-prezz ta’ €13,000.[34]

viii) Maisonette bin-numru 3, f’Sunrise Court, Triq Raddet ir-Roti, f’Xemxija Heights, limiti ta’ San Pawl il-Bahar, li nbiegh fl-2005, bil-prezz ta’ Lm55,000 (dok. FZC 7).[35]

ix) Garaxx li jinsab fi triq Raddet ir-Roti, f’Xemxija Heights, Xemxija fil-limiti ta’ San Pawl il-Bahar, li nbiegh fl-2007, bil-prezz ta’ Lm10,000.[36]

---

29 Ara Dok. Fzc 1
30 Ara Dok. Fzc 2
31 Ara Dok. Fzc 3
32 Ara Dol fzc 4
33 Ara Dok. Fzc5
34 Ara Dok. Fzc 6
35 Ara Dok. Fzc 7
36 Ara Dok. Fzc 8

x) Garaxx bin-numru 3, li jinsab f'livell ta' semi-basement sottopost il-blokk bini li jismu Gardenia, fi Triq l-Isfargel, f'H' Attard, li nbiegh fl-2011 bil-prezz ta' 21, 000 Euros. Skond l-attrici dan il-bejgh sar minghajr il-kunsens taghha kif jirrizulta mill-istess kuntratt. [37]

xi) Zewg garaxxijiet bin-numri 1 u 2 li jinsabu f'livell semi-basement sottopost il-blokk bini li jismu Gardenia, fi Triq l-Isfargel, H'Attard li nbieghu fl-2016 bil-prezz ta' €52,000. Dawn ukoll inbieghu minghajr il-kunsens taghha. [38]

xii) Appartament fl-ewwel livell, bl-isem Jurong, li jifforma parti minn blokka bl-isem "Seaview Buildings," 26, Xemxija Hill, Xemxija, li nbiegh fl-2012, bil-prezz ta' €65,000. Kien b'dawn il-flus li l-konvenut kien xtara cabin cruiser, meta kienu finanzjarjament batuti.[39]

xiii) Zewg garaxxijiet li nbieghu fuq il-pjanta li jinsabu fil-basement sottopost il-blokk bini bl-isem « The President, fi Triq Birbal, Balzan nbieghu fl-2015 ghall-prezz ta' €7,300.[40]

xiv) Penthouse, li tifforma parti mill-blokka bini f'The President, fi Triq Birbal, Balzan li nbieghet fl-2015 ghall-prezz ta' €185,000.[41]

xv) Appartament li jifforma parti mill-blokka bini f'The President, fi Triq Birbal, Balzan li nbieghet fl-2014 ghall-prezz ta' €124, 000.[42]

---

[37] Ara Dok. Fzc 9

[38] Ara Dok. Fzc 10
[39] Ara Dok. Fzc 11
[40] Ara Dok. Fzc 12
[41] Ara Dok. Fzc 13
[42] Ara Dok. Fzc 14

xvi) Garaxx li jinsab fil-basement tal-istess blokka bini f'The President, fi Triq Birbal, Balzan li nbieghet fl-2014 ghall-prezz ta' €21, 000.[43]

xvii) Semi basement maisonette (shell form) u garaxx li ukoll jifforma parti mill-blokka f'The President, fi Triq Birbal, Balzan li nbieghet fl-2017 ghall-prezz ta' €145, 000.[44]

xviii) Ghalqa li tinsab fil-limiti tar-Rabat u l-Imdina li nbiegh fis- 7 ta' Novembru, 2003[45] u l-valur taghha ghad irid jigi stmat minn perit.

xix) Cabin cruiser 38 tat-tip Fairline Targa li ghandha valur ta' €50,000 u presentement qed tinzamm gewwa boat yard f'Gharghur.[46]

xx) Penthouse u appartament li presentement qed jinkrew, flimkien mal-maisonnette, fejn qed tghix l-attrici, flimkien ma' uliedha, kif ukoll zewg garaxxijiet li jinsabu fil-basement tal-blokka f'The President, Triq Birbal, Balzan u l-valur ghad irid jinhadem minn Perit. [47]

Gie kkonfermat ukoll li l-konvenut kien kera diversi proprjetajiet u ghal darb'ohra kien qed izomm il-kirijiet ghalih. Skond dak iddikjarat mill-attrici permezz ta' nota, il-konvenut jaqla' cirka €6,075 fix-xahar. Il-proprjetajiet mikrija huma s-segwenti:-

i) Gardenia, Triq l-Isfargel, Attard, li kienet id-dar matrimonjali;

[43] Ara Dok. Fzc 15
[44] Ara Dok. Fzc 16
[45] Ara Dok. E
[46] Ara Dok. F
[47] Ara Dok. B

ii) Semi-basement garaxx, fi Triq l-Isfargel, Attard, li huwa garaxx ta' erba' karozzi u li qed jinkera bhala store;

iii) Penthouse, fi The President, Blokk B, No. 5, Triq Birbal, Balzan;

iv) Zewg basement garages sottostanti l-blokk The President, Blokk B, No, 5, Triq Birbal, Balzan;

v) Flat 4, The President, Blokk B, No, 5, Triq Birbal, Balzan;[48]

B' digriet taghha tat-28 ta' Frar, 2019, dina l-Qorti ordnat li l-attrici tkun intitolata tippercepixxi nofs il-kirijiet fuq imsemmija ammontanti ghal cirka €3, 036 fix-xahar. Ciononostante, l-konvenut ugwalment ma bediex ighaddi l-kirijiet kollha lill-attrici.

Id-dar ta' H'Attard inbniet fuq art parafernali tal-konvenut, li mbaghad inbniet tul iz-zwieg, li jintitola lill-attrici ghall-benefikati tal-istess fond. L-attrici, da parti qed tinsisti li ghandha tigi assenjata d-dar matrimonjali u dan minhabba li fejn qed tghix, flimkien mal-erba' guvintur taghha, huwa zghir u mhux adegwat ghalihom, specjalment meta llum uliedha huma adulti u jridu l-privatezza taghhom.

L-adulterju u l-abbandun igib mieghu diversi riperkuzzjonijiet li jistghu jwasslu ghall-ippenalizzar tal-parti li tkun hatja. Il-konvenut ma jistax jiehu l-ligi f'idejh, ighix komdu hu mal-partner tieghu u sahansitra jikri dik li gia' kienet id-dar matrimonjali b'mod arbitrajru u jhalli lil martu u lil

[48] Ara Nota tat-8 ta' Frar, 2019

uliedu jghixu b'mod skomdu ghall-ahhar. It-tfal, kif ukoll l-attrici lkoll urew ix-xewqa li jmorru lura jghixu fid-dar fejn kienu jghixu bhala familja.

Tenut kont tal-fatt li l-konvenut qatt ma assuma r-responsabilitajiet tieghu bhala ragel mizzewweg u bhala missier , qatt ma kien prezenti ghalihom u dejjem pogga l-interessi tieghu l-ewwel qabel dawk ta' uliedu u ghalhekk kif gie ssottolineat iktar 'l fuq, dina l-Qorti thoss li tkun haga gusta li d-dar matrimonjali Gardenia, Triq l-Isfargel, Attard tigi assenjata lill-attrici, iktar u iktar meta ghandha thares l-interessi taghhom. Huwa minnu ukoll li dina l-proprjeta' inkriet mill-konvenut lil terzi u ghalkemm f'dina l-kawza, il-Qorti ma tistax tippronunzja ruhha fuq il-kirja, izda gialadarba l-proprjeta' tigi assenjata f'idejn l-attrici tkun f'posizzjoni ahjar li tirregola l-istess kirja u l-inkwilini, minghajr ma jkun hemm l-intervent u azzjonijiet vendikattivi da parti tal-konvenut.

Il- Semi-basement garaxx, fi Triq l-Isfargel, Attard, li huwa garaxx ta' erba' karozzi u li qed jinkera bhala store ghandu ukoll jigi assenjat lill-attrici, flimkien mal-fond fejn qed tghix hi presentment ma' uliedha u cioe', The President, Block B, Flat 2, Triq Birbal, Balzan u wahda minn zewg basement garages sottostanti l-blokk The President, Blokk B, No, 5, Triq Birbal, Balzan u sakemm ma tiddecidix mod iehor, l-attrici ghandha tibqa' tippercepixxi l-kirijiet tal-istess fond.

Filwaqt li l-konvenut ghandu jigi assenjat il-Penthouse, fi The President, Blokk B, No. 5, Triq Birbal, Balzan, wiehed minn zewg basement garages sottostanti l-blokk The President, Blokk B, No, 5, Triq Birbal, Balzan, kif ukoll Flat 4, The President, Blokk B, No, 5, Triq Birbal, Balzan;[49]

In kwantu jirrigwarda l-cabin cruiser 38 tat-tip Fairline Targa li ghandha valur ta' €50,000 u presentement qed tinzamm gewwa boat yard f'

[49] Ara Nota tat-8 ta' Frar, 2019

Gharghur,[50] dina ghandha tigi assenjata lill-konvenut peress li l-attrici m'ghandhiex uzu taghha, Minkejja li l-attrici semmiet li l-cruiser illum jinsab f'garaxx, izda ugwalment tifforma parti mill-komunjoni tal-awwiksti u ghaldaqstant, ghandu jinhatar marine expert sabiex jirrelata dwar il-valur tad-dghajsa, f'liema kaz nofs il-valur tal-istess cruiser ghandu jinghata lill-attrici mill-konvenut stess.

In kwantu jirrigwarda l-art gewwa Sta. Maria Estate, Mellieha, li kienet inxtrat mill-konvenut f' Marzu, 1991 u bdiet tigi zvillupata sitt snin wara z-zwieg, izda kienet ghadha qed tigi zviluppata. L-art hija parafernali tal-konvenut, u hekk ghandha tibqa'. Ghalhekk ghandhom jigu stmati l-benefikati li saru fuq l-istess art, u l-konvenut ghandu jirrifondi lill-attrici nofs il-valur tal-istess benefikati.

**<u>VETTURI</u>**

Kull parti ghandha zzomm il-vetturi taghha.

Peress illi l-konvenut kien kontumaci f'dawn il-proceduri, il-Qorti ma setghetx tisma' l-verzjoni ta' fatti min-naha tieghu. L-anqas ma gew prodotti noti ta' sottomissjonijiet finali mill-partijiet kif kienu awtorizzati jaghmlu. Ghalhekk il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza fuq il-provi kif prodotti mill-attrici.

**<u>DECIDE</u>**

[50] Ara Dok. F

1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici.

2. Tilqa’ t-tieni talba attrici in kwantu ssib lill-konvenut hati tat-tkissir taz-zwieg minhabba sevizzi u eccessi, kif ukoll minhabba abbandun.

3. Tilqa’ t-tielet talba attrici in kwantu assenjat id-dar matrimonjali u cioe’ Gardenia, Triq l-Isfargel, Attard lill-attrici.

4. Tichad ir-raba’ talba attrici.

5. Tilqa’ l-hames talba u tordna li l-konvenut ghandu jissomministra s-somma ta’ €600 (€200) ghal kull wild u dan sakemm l-ulied jaghlqu 23 sena, peress li jirrizulta li ghadhom qed jistudjaw f’livell terzjarju. In kwantu jirrigwarda lil F dan ghalaq 23 sena u ghalhekk dina l-Qorti tastjeni milli tiehdu in konsiderazzjoni.

6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ dina t-talba stante dak li diga’ gie deciz fil-hames talba.

7. Tilqa’ s-seba’ talba attrici.

8. Tilqa’ t-tmien talba attrici.

9. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tad-disa’ u ghaxar talba u dan in vista ta’ dak li diga’ gie deciz fil-hames talba.

10. Tilqa’ l-hdax u t-tnax-il talba u dan stante dak li gie deciz fil-likwidazzjoni u assenjazzjoni tad-dar matrimonjali u cioe’ Gardenia, Triq l-Isfargel, Attard.

11. Tilqa’ t-tlettax-il talba u tinnomina lill-espert marittimu PL Quentin Tanti u l-Perit Godwin Abela, sabiex jivvalutaw l-proprjetatjiet fuq indikati, sa zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza, u jekk ikun il-kaz tinnomina lin-Nutar Clinton Bellizzi sabiex jircievi l-att ta’ bejgh.

12. Tichad l-erbatax-il talba.

13. Tichad il-hmistax-il talba stante li llum it-tfal huma maggorenni.

14. Tilqa’ s-sittax-il talba, u ghalhekk tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjomha xebba, cioe’ C.

15. Tichad is-sbatax-il talba, stante li l-istess disposizzjonijiet tal-ligi llum gew emendati.

16. Tilqa’ it-tmintax-il talba.

17. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ghoxrin talba, stante li ma thossx li hemm il-htiega.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**